

**Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)**

14248/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0373(COD)**

**ENV 1129
MI 862
IND 535
CONSOM 367
COMPET 996
MARE 22
PECHE 439
RECH 452
SAN 593
ENT 215
ECOFIN 1053
CODEC 1895**

PROPOSTA

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Ottubru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 645 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 645 final.

Mehmuż: COM(2023) 645 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023
COM(2023) 645 final

2023/0373 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-
mikroplastik**

{SEC(2023) 346 final} - {SWD(2023) 330 final} - {SWD(2023) 332 final} -
{SWD(2023) 333 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-2018, l-Istrateġija tal-UE għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari¹ rrikonoxxiet ir-riskji ppreżentati mill-mikroplastiks u rakkomandat soluzzjonijiet innovattivi mmirati lejn sorsi differenti. Fl-2019, il-grupp ta' Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxa r-riskji potenzjali maħluqa mill-mikroplastiks u ħeġġeġ azzjoni ta' prekawzjoni². Fl-2020, bħala azzjoni ta' segwitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew³, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari 2.0⁴ impenja lill-Kummissjoni sabiex tindirizza l-preżenza ta' mikroplastiks fl-ambjent billi:

- tirrestrinġi l-mikroplastiks miżjuda intenzjonalment fil-prodotti;
- tindirizza r-rilaxxi mhux intenzjonati tal-mikroplastiks billi tiżviluppa, fost l-oħrajn, miżuri ta' standardizzazzjoni, ta' ċertifikazzjoni u regolatorji, kif ukoll tarmonizza l-metodi għall-kejl tar-rilaxxi tagħhom.

Fl-2021, fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”⁵, il-Kummissjoni pproponiet li, sal-2030, l-UE għandha tnaqqas ir-rilaxxi (intenzjonati u mhux intenzjonati) tal-mikroplastiks fl-ambjent bi 30 %.

Fil-25 ta' Settembru, il-Kummissjoni Ewropea adottat Regolament li jirrestrinġi l-mikroplastiks miżjuda intenzjonalment fil-prodotti.⁶ Din il-proposta dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent u l-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) li takkumpanjaha tirriżulta mill-impenji tal-Kummissjoni dwar ir-rilaxxi mhux intenzjonati tal-mikroplastiks.

1.1 Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent huwa t-tielet sors tar-rilaxxi kollha mhux intenzjonati tal-mikroplastiks. Sorsi ewlenin oħrajn jinkludu ż-żebgħa, it-tajers, it-tessuti, il-ġeotessuti u, sa ċertu punt, il-kapsuli tad-deterġenti. Il-prevenzjoni ta' rilaxxi tal-mikroplastiks minn dawn is-sorsi tista' tirrikjedi sostituzzjonijiet jew bidliet kbar fil-karatteristiċi tal-prodott. B'kuntrast għal dan, it-telf ta' pellets tal-plastik huwa dovut għal nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u mmaniġġar ħażin, u għalhekk jista' jitnaqqas b'miżuri rapidi għall-prevenzjoni ta' tali tniġġis li jista' jiġi evitat. Dan jagħmel lil pellets tal-plastik kandidat primarju għall-intervent ta' politika.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM/2018/028 final

² [Scientific opinion on the environmental and health risks of microplastic pollution](#), April 2019.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)640.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 final

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”, COM/2021/400 final

⁶ Ir-Regolament tal-KUMMISSJONI (UE) li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward ta' mikroplastiks ta' polimeri sintetiċi – C/2023/6419 final

Il-pellets tal-plastik, imsejħa wkoll nurdles, nibs, pellets ta' qabel il-produzzjoni, u pellets tar-reżina, huma l-materja prima industrijali użata għall-produzzjoni kollha tal-plastik. **Il-prattiki kurrenti għall-immaniġġar tal-pellets iwasslu għal telf fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista, b'mod partikolari l-produzzjoni (verġni jew riċiklata), l-ipproċessar, it-trasport u operazzjonijiet oħrajn ta' loġistika u ta' mmaniġġar tal-iskart.** Ladarba jkun fl-ambjent, ikun kważi impossibbli li dawn jinqabdu. Il-mobbiltà tagħhom hija fattur aggravanti. Bħall-mikroplastiks kollha, il-pellets tal-plastik li jaħarbu minn installazzjonijiet industrijali jew matul it-trasport jiġu ttrasportati faċilment mill-arja u mill-ilmijiet tal-wiċċ fuq l-art u mill-kurrenti tal-baħar, u jistgħu jinstabu wkoll fil-ħamrija (inklużi l-artijiet agrikoli).

Jistgħu jiġu osservati erba' tipi ta' impatti negattivi mit-telf tal-pellets: fuq l-ambjent; fuq il-klima, potenzjalment fuq saħħet il-bniedem; u fuq l-ekonomija. Xi wħud minn dawn l-impatti huma speċifikament relatati mal-pellets, oħrajn huma relatati mal-mikroplastiks b'mod ġenerali. Il-pellets huma magħrufa li jittieklu minn firxa ta' speċijiet tal-baħar u tal-kosta (eż. fkieren tal-baħar, għasafar tal-baħar u frott tal-baħar bil-qoxra). Ladarba jiġu iġestiti, dawn jistgħu jikkawżaw ħsara fiżika jew mewt. Jekk ma jkunux jistgħu jgħaddu mis-sistema diġestiva, jistgħu jwasslu għal malnutrizzjoni jew għal għu. Bħall-mikroplastiks kollha, il-potenzjal tagħhom li jaġixxu bħala trasportatur għal sustanzi tossiċi adsorbiti jew mikroorganiżmi patoġeniċi huwa parti integrali mill-problema. Il-plastiks u l-mikroplastiks jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima peress li huma sors addizzjonali kemm tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) kif ukoll tal-persjoni fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità. Tabilħaqq, il-gassijiet serra jiġu emessi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-plastik, mill-produzzjoni sal-proċessi ta' degradazzjoni, u l-plastik fl-oċeani jista' jinterferixxi wkoll mal-kapaċità li l-oċeani jassorbu u jissekwestraw id-diossidu tal-karbonju. Il-bnedmin huma esposti għal mikroplastiks permezz tal-konsum tal-arja u tal-ikel. Hemm impatti ekonomiċi negattivi potenzjali mill-mikroplastiks, inklużi l-pellets tal-plastik, fuq attivitajiet lokali bħas-sajd u l-agrikoltura kummerċjali (eż., tnaqqis fil-ħsad tas-sajd minħabba impatti fuq il-ħabitats tal-baħar, l-ekosistemi u l-organiżmi selvaġġi) kif ukoll it-turiżmu u r-rikreazzjoni (eż. tnaqqis fl-attraenza jew fl-għeluq ta' bajjiet u żoni vulnerabbli bħal parks nazzjonali, xmajjar u lagi).

Volumi għoljin ta' pellets jiġu prodotti u mmaniġġati kull sena, kemm globalment kif ukoll fl-UE (madwar 57 miljun tunnellata fl-UE fl-2021). L-istimi juru li, **fl-UE fl-2019, intilfu fl-ambjent bejn 52 140 tunnellata u 184 290 tunnellata ta' pellets. Dan huwa ekwivalenti għal bejn 2 100 u 7 300 trakk mimli pellets fis-sena.**

L-evidenza miġbura biex tappoġġa l-IA ta' akkumpanjament u l-IA tal-bidu, kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika u konsultazzjoni addizzjonali mmirata lejn l-SMEs, jissuġġerixxu li l-partijiet ikkonċernati huma favur li l-livelli kollha tal-awtoritajiet pubbliċi jieħdu azzjoni biex inaqqsu t-tniġġis mill-mikroplastik. Il-partijiet ikkonċernati jirreferu wkoll għall-ħidma volontarja tal-industrija f'dan il-qasam bħala linja ta' azzjoni, b'mod partikolari l-programm Operation Clean Sweep® (OCS).

Din il-proposta għandha l-għan li **tnaqqas it-telf tal-pellets fl-ambjent** u twassal għal tnaqqis ta' 54 % sa 74 %, meta mqabbel mal-linja bażi, ekwivalenti għal tnaqqis ta' 6 % fl-ammont totali ta' rilaxxi mhux intenzjonati ta' mikroplastiks. F'konformità mal-mira kumplessiva ta' tnaqqis ta' 30 % tal-Kummissjoni għall-mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent, din se tgħin fil-**preżervazzjoni tal-ekosistemi u tal-bijodiversità, fit-tnaqqis tal-impatti potenzjali fuq is-saħħa u fil-benefiċċju tal-attivitajiet ekonomiċi lokali.** Għandha wkoll il-potenzjal li ttejjeb l-informazzjoni dwar id-daqs tat-telf tal-pellets tul il-katina tal-provvista tal-pellets. Rekwiżiti inqas stretti għall-SMEs se jiżguraw il-mitigazzjoni xierqa tal-impatti potenzjali fuq l-operazzjonijiet tagħhom.

1.2 Konsistenza ma' politiki eżistenti tal-UE

Il-proposta dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets fl-ambjent tappoġġa l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u tikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-kriżijiet trippli tat-tibdil fil-klima, tat-tniġġis u tat-telf tal-bijodiversità. Se ssaħħaħ ukoll strateġiji ġenerali bħall-Istrateġija għall-Plastiks, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero. It-tniġġis mill-mikroplastik joriġina:

1. mir-rimi abbandunati, skartati jew mhux xieraq ta' prodotti tal-plastik akbar u d-degradazzjoni tagħhom f'biċċiet tal-plastik iżgħar fl-ambjent;
2. minn mikroplastiks miżjuda intenzjonalment ma' ċerti prodotti, bħall-kożmetiċi, li fl-aħħar mill-aħħar isibu ruħhom fl-ambjent; u
3. minn mikroplastiks rilaxxati b'mod mhux intenzjonat, l-aktar minħabba l-brix waqt l-użu jew minħabba mmaniġġar ħażin.

Dwar il-“**makroplastiks**”, l-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri regolatorji biex tindirizza t-tniġġis li ġej minn prodotti tal-plastik akbar li jnixxu fl-ambjent, inkluża d-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss (SUPD)⁷, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD)⁸, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (PPWD)⁹ u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)¹⁰. Dawn il-miżuri jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-ħolqien tal-iskart tal-plastik, għat-titjib tal-ġbir u tar-riċiklaġġ tiegħu, u għall-inċentivar tal-użu ta' kontenut riċiklat fi prodotti ġodda, u b'hekk jitnaqqas l-ammont ta' skart tal-plastik fl-ambjent.

Fir-rigward ta' “**mikroplastiks rilaxxati b'mod mhux intenzjonat**”, lil hinn mill-pellets tal-plastik, il-Kummissjoni eżaminat diversi sorsi ewlenin oħrajn ta' rilaxx mhux intenzjonat, bħal żebgħa, tajers, tessuti sintetiċi, ġeotessuti u, sa ċertu punt, il-kapsuli tad-deterġenti. Il-miżuri li jindirizzaw ir-rilaxx tal-mikroplastiks mit-tajers diġà ġew inklużi fil-proposta tar-Regolament EURO 7. L-analiżi preliminari tas-sorsi l-oħrajn żvelat inċertezzi u nuqqasijiet fid-*data*, u kkonkludiet li strumenti ta' politika oħrajn jistgħu jkunu aktar adatti sabiex jindirizzawhom. Hija meħtieġa aktar informazzjoni u analiżi addizzjonali sabiex jiġu ddefiniti l-aktar interventi xierqa. Għal dawn is-sorsi, jistgħu jitħejjew valutazzjonijiet tal-impatt separati, fejn xieraq u meħtieġ, sabiex jappoġġaw proposti possibbli sabiex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-mikroplastik minn dawn is-sorsi.

Fir-rigward tal-**emissjonijiet industrijali**, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED)¹¹ hija l-parti tal-leġiżlazzjoni li tirregola u timmaniġġa l-emissjonijiet minn impjanti industrijali kbar. It-telf ta' pellets tal-plastik ma huwiex indirizzat speċifikament fil-konklużjonijiet eżistenti dwar l-Aqwa Tekniki Disponibbli. Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-IED.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1–19

⁸ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, ĠU L 312 22.11.2008, p. 3

⁹ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10

¹⁰ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19–40

¹¹ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17

Il-proposta dwar il-prevenzjoni tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tikkomplementa d-dispożizzjonijiet dwar il-pellets li jinsabu fir-**restrizzjoni tar-REACH dwar il-mikroplastiks miżjuda intenzjonalment**. Din ir-restrizzjoni tindirizza l-pellets tal-plastik bħala sors ta' rilaxxi li jistgħu jiġu evitati, billi timponi żewġ obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi: (1) li jipprovdu informazzjoni dwar l-użu u r-rimi tal-pellets eż. permezz ta' tikkettar, u (2) li jirrapportaw dwar l-istimi tal-kwantitajiet rilaxxati fuq bażi annwali. Filwaqt li qiegħda tiżdied l-informazzjoni dwar l-użu u t-telf tal-pellets, dawn l-obbligi ma humiex speċifikati ulterjorament u ma ġietx introdotta metodoloġija dwar kif jiġi stmat it-telf. L-obbligi komprensivi u l-metodoloġija standardizzata inklużi f'din il-proposta l-ġdida se jgħinu sabiex jiġi evitat it-telf tal-pellets fis-sors u sabiex tittejjeb l-informazzjoni miġbura dwar ir-rilaxxi stmati.

Il-proposta hija konsistenti mar-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) dwar il-pellets tal-plastik, li tippromwovi standards ta' prevenzjoni u skemi ta' ċertifikazzjoni għall-katina kollha tal-provvista tal-plastik.¹² L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (**IMO**) qiegħda tħares lejn il-ġarr ta' pellets tal-plastik bil-baħar f'kontejners tal-merkanzija u qiegħda tivvaluta kemm il-miżuri volontarji kif ukoll dawk obligatorji, li jagħmlu lill-operaturi li jimmaniġġaw il-pellets soġġetti għal rekwiżiti aktar stretti.

Il-proposta għandha l-għan li twitti t-triq għal dispożizzjonijiet dwar il-mikroplastiks fil-kuntast tan-negożjati li għaddejjin dwar **Trattat Globali dwar it-Tniġġis mill-Plastik**. L-UE u l-Istati Membri tagħha jenfazzjaw il-ħtieġa li l-istrument futur jinkludi miżuri sabiex jitnaqqas ir-rilaxx mhux intenzjonat tal-mikroplastiks. Dan jista' jinkludi, pereżempju, miżuri sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' tnixxija ta' pellets tal-plastik mill-produzzjoni, mill-immaniġġar u mit-trasport".¹³

Il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-**Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli** ggwidata mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), speċifikament: l-għan 12 dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, l-għan 14 dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli, u l-għan 15 dwar il-ħajja fuq l-artijiet, flimkien mal-għan 3 dwar is-saħħa tajba, l-għan 9 dwar l-industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura, u l-għan 13 dwar il-klima.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1 Bażi ġuridika

Din l-inizjattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) peress li se żżid il-livell ta' protezzjoni ambjentali madwar l-UE. Filwaqt li se twassal ukoll għal armonizzazzjoni ulterjuri tal-immaniġġar tal-pellets, u b'hekk tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq minħabba approċċi nazzjonali differenti madwar l-Istati Membri, id-dimensjoni tal-protezzjoni ambjentali hija predominanti.

¹² Ir-Rakkomandazzjoni 2021/06 dwar it-tnaqqis tat-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar, 2021.

¹³ Is-sottomissjoni tal-UE lill-UNEP fid-dawl tat-tieni sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negożjar dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis mill-plastik (INC-2).

2.2 Sussidjarjetà

Huwa essenzjali li jkun hemm sett komuni ta' rekwiżiti għall-immaniġġar tal-pellets fl-Unjoni sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Bħall-mikroplastiks kollha, il-pellets jiġu ttrasportati faċilment minn post ġeografiku għal ieħor, u jistgħu jinstabu fl-ambjenti kollha inklużi l-aktar postijiet remoti. Filwaqt li t-telf tal-pellets normalment ikun ikkonċentrat l-ewwel f'żona ġeografika waħda (żoni industrijali petrokimiċi jew tal-polimeri, pjattaformi loġistiċi bħal portijiet, eċċ.), dawn huma ferm mobbli u mbaġħad jixxerrdu permezz tal-ilmijiet tal-wiċċ tal-art u l-kurrenti tal-oċeani, kif ukoll permezz tal-arja. In-natura transfruntiera tal-problema hija l-aktar raġuni importanti sabiex tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE. Jekk l-Istati Membri jaġixxu individwalment, l-azzjoni tkun inqas kosteffettiva, u l-livell ta' protezzjoni ambjentali jibqa' subottimali. Hemm ukoll riskju li tiġi stabbilita leġislazzjoni differenti li toħloq kompetizzjoni.

2.3 Proporzjonalità

Ir-rekwiżiti fil-proposta ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ biex l-operaturi ekonomiċi li jkunu qed imexxu l-installazzjonijiet fejn jiġu mmaniġġati l-pellets tal-plastik fi kwantitajiet oġhla minn 5 tunnelli fis-sena, kif ukoll it-trasportaturi tal-UE u mhux tal-UE, ikunu jistgħu jimmaniġġaw tali pellets b'mod sikur u responsabbli. Dawn huma bbażati fuq l-aħjar prattiki eżistenti ta' mmaniġġar, b'mod partikolari l-programm Operation Clean Sweep® (OCS) tal-industrija u r-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR). Il-proporzjonalità tar-rekwiżiti hija żgurata bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti inqas stretti għall-SMEs, meta meħtieġ, bħala riżultat ta' konsultazzjoni bir-reqqa mal-partijiet ikkonċernati. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inkarigati mill-verifika tal-konformità tal-industrija se jiġu appoġġati mill-ħidma taċ-ċertifikaturi li se jkollhom il-kompitu li jiċċertifikaw. Din is-sistema se tipprovdi grad għoli ta' ċertezza legali u tiffaċilita l-attivitajiet ta' infurzar.

2.4 Għażla tal-istrument

Il-proposta hija strument legali awtonomu li ma jemendax il-leġislazzjoni eżistenti. Din tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu implimentati mill-katina tal-provvista kollha tal-pellets, kif ukoll regoli dwar sistema ta' konformità bbażata fuq iċ-ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi, l-awtodikjarazzjoni, u l-verifika tal-konformità mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali. Minħabba li għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali permezz ta' bidliet fl-imġiba tal-immaniġġar tal-operaturi ekonomiċi, Regolament jitqies bħala l-aktar strument legali xieraq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma saret l-ebda evalwazzjoni *ex post* peress li ma hemm l-ebda qafas regolatorju eżistenti fil-livell tal-UE li jindirizza t-tniġġis mill-pellets tal-plastik fil-katina kollha tal-provvista tal-pellets.

3.1 Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati permezz ta':

1. Konsultazzjoni pubblika dwar is-sorsi identifikati oriġinarjament bl-oġhla rilaxxi mhux intenzjonati magħrufa tal-mikroplastiks, jiġifieri pellets tal-plastik, tessuti sintetiċi, tajers,

żebgħa, ġeotessuti u l-kapsuli tad-deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għall-magni tal-ħasil tal-platti, mit-22 ta' Frar sas-17 ta' Mejju 2022. Matul il-konsultazzjoni, saru 410 kontribuzzjonijiet. Il-partijiet ikkonċernati kollha qablu dwar in-natura perikoluża **tat-tniġġis mill-mikroplastik fl-Unjoni, l-impatt negattiv tiegħu fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livelli kollha tal-awtorità**. Fir-rigward tat-telf tal-pellets, il-partijiet ikkonċernati qablu li **l-immaniġġar mhux xieraq kien il-fattur ewlieni**.

2. It-tieni konsultazzjoni mmirat lill-SMEs li mmaniġġaw il-pellets minn Jannar sa Frar 2023. Matul din it-tieni konsultazzjoni, saru 330 kontribuzzjoni. **Il-maġġoranza tar-rispondenti kienet favur li r-rekwiżiti jsiru obligatorji jekk ir-rekwiżiti jkunu inqas stretti għall-kumpaniji iżgħar**. Diversi rekwiżiti ġew smati li huma ta' piż kbir wisq għall-intrapriżi mikro (inqas minn 10 persuni impjegati) u iżgħar (minn 10 sa 49 persuna impjegata), kif ukoll għal ditti b'kapaċitajiet ta' inqas minn 1 000 tonnellata fis-sena (tonnellagġ annwali medju mmaniġġat minn intrapriżi iżgħar). L-SMEs ma kinux favur l-obbligu li jiġu awditjati esternament. Fost l-aħjar Prattiki ta' mmaniġġar, l-użu obligatorju ta' tagħmir u imballaġġ speċifiċi (jiġifieri b'siġill mitbuqa, reżistenti għat-titqib u b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent) ġie identifikat bħala l-aktar miżura li tiswa flus. Fl-aħħar nett, **ir-rispondenti identifikaw l-appoġġ finanzjarju u metodoloġija standardizzata biex ikejlu t-telf tal-pellets bħala l-aħjar modi biex jappoġġawhom**.

3. Workshops u kuntatti bilaterali minn Settembru 2021 sa Mejju 2023 li matulhom l-NGOs ambjentali appoġġaw ħafna **r-rekwiżiti obligatorji għall-immaniġġar tal-pellets fil-livell tal-UE, flimkien ma' skema ta' ċertifikazzjoni komprensiva u trasparenti**. L-assoċjazzjoni kumplessiva tal-manifatturi Ewropej tal-plastik, PlasticsEurope, qablet li l-aktar approċċ effettiv biex jiġi indirizzat it-telf tal-pellets huwa l-awditjar estern u **ċertifikazzjoni obligatorji li jibnu fuq l-OCS u li jiġu applikati għall-atturi kollha**. Il-produtturi qiesu li proposta leġiżlattiva li tirrikjedi ċertifikazzjoni ta' sistema ta' prevenzjoni tat-telf tal-pellets simili għall-OCS tkun tista' tiġi implimentata minnufih mill-atturi kollha minħabba li tibbenefika mill-inizjattiva tal-industrija eżistenti u ssaħħaħha. L-assoċjazzjoni kumplessiva tar-riċiklaturi Ewropej, PRE, iffavoriet **strument legalment vinkolanti madwar l-UE kollha** biex tippermetti kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku fost l-atturi kollha. L-assoċjazzjoni kumplessiva tal-konvertituri Ewropej, EuPC, indikat **riżorsi limitati** bħala ostaklu għall-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki ta' mmaniġġar.

3.2 Valutazzjoni tal-impatt

3.2.1 Definizzjoni tal-problema u għażla ta' politika ppreferuta

Il-proposta hija bbażata fuq il-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) li takkumpanja l-proposta dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets fl-ambjent. Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB) tal-Kummissjoni l-ewwel ħareġ opinjoni negattiva b'kummenti komprensivi fit-18 ta' Novembru 2022. Wara reviżjoni sinifikanti tal-abbozz inizjali, l-RSB ipprova opinjoni pożittiva bir-riżervi fit-12 ta' Ġunju 2023¹⁴. L-Anness I tal-Valutazzjoni tal-Impatt jispjega kif ġew indirizzati l-kummenti tal-RSB.

L-IA tidentifika l-problema li ġejja: **il-prattiki kurrenti għall-immaniġġar tal-pellets iwasslu għal telf f'kull stadju fil-katina tal-provvista, li jikkawża impatti negattivi fuq l-**

¹⁴ SEC

ambjent u oħrajn potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem. Ġew identifikati l-ixprunaturi li ġejjin:

- **Fallimenti tas-suq** - il-prezzijiet ma jirriflettux l-esternalitajiet negattivi u l-informazzjoni imperfetta għall-atturi tas-suq. **Nuqqas ta' appoġġ u attenzjoni speċifiċi għal kumpaniji iżgħar**, li għalihom il-miżuri preventivi jiswew wisq flus biex jiġu implimentati, jispjega wkoll riżultat subottimali tas-suq.
- **Falliment regolatorju** - oqfsa regolatorji rilevanti eżistenti (li jirregolaw is-sustanzi kimiċi, l-iskart fil-baħar, l-ilma, l-emissjonijiet industrijali, l-iskart, l-imballaġġ u l-attivitajiet tat-trasport) ma jindirizzawx speċifikament il-kwistjoni tat-telf tal-pellets u l-immaniġġar sikur u responsabbli tagħhom tul il-katina tal-provvista kollha tal-pellets.

Fl-IA, ġew ivvalutati erba' għażliet ta' politika biex jiġu indirizzati dawn il-problemi u l-ixprunaturi:

- Għażla 1: Metodoloġija standardizzata obligatorja għall-kejl tat-telf tal-pellets
- Għażla 2: Rekwiżiti obligatorji għall-prevenzjoni u għat-tnaqqis tat-telf tal-pellets f'liġi ġdida tal-UE, inklużi tliet subgħażliet b'rekwiżiti inqas stretti għall-SMEs:
 - 2a: il-mikrokumpaniji;
 - 2b: il-kumpaniji mikro u żgħar;
 - 2c: il-kumpaniji mikro, żgħar u medji;
- Għażla 3: Imbillaġġ imtejjeb għal-loġistika tal-pellets
- Għażla 4: Il-mira tal-UE li tnaqqas it-telf tal-pellets

Abbażi ta' analiżi tal-kost-benefiċċji, u valutazzjoni kwalitattiva tal-proporzjonalità, il-koerenza, l-effettività u l-effiċjenza tad-diversi għażliet ikkunsidrati, ġiet proposta taħlita ta' żewġ għażliet ta' politika bħala l-għażla politika ppreferuta:

- **Għażla 1 - Metodoloġija standardizzata obligatorja biex jitkejjel it-telf tal-pellets** biex tiġi indirizzata s-subproblema "Informazzjoni imperfetta" u tikkontribwixxi għat-titjib tal-informazzjoni dwar id-daqs tat-telf tal-pellets tul il-katina tal-provvista tal-pellets. Din se tiffaċilita wkoll ir-rekwiżit ta' rapportar tat-telf tal-pellets skont ir-restrizzjoni tar-REACH.
- **Subgħażla 2b - Rekwiżiti obligatorji f'liġi ġdida tal-UE b'rekwiżiti inqas stretti għall-kumpaniji mikro u żgħar** biex jindirizzaw l-ixprunaturi "Il-prezzijiet ma jirriflettux l-esternalitajiet", "Informazzjoni imperfetta" u "Falliment regolatorju". Billi tiffoka fuq il-prevenzjoni, se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-telf tal-pellets, b'mod ekonomikament proporzjonat, għal livell konsistenti mal-mira kumplessiva ta' tnaqqis tal-Kummissjoni ta' 30 % tar-rilaxxi tal-mikroplastik sal-2030, u wkoll biex tiżgura l-mitigazzjoni xierqa tal-impatti fuq l-SMEs involuti fil-katina tal-provvista tal-pellets.

L-Għażla 3 tkun tinvolvi kostijiet ta' investment pjuttost għoljin għas-settur, u l-kosteffettività tagħha tkun aktar baxxa milli għall-Għażla 2. L-Għażla 4 tkun l-ewwel tirrikjedi l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ effiċjenti, li tiegħu ż-żmien. L-implimentazzjoni tagħha tkun aktar diffiċli, u l-kostijiet tagħha jkunu kemxejn ogħla milli taħt

l-Għażliet 2 u 2a-c. Is-Subgħażla 2b ikollha tnaqqis relattivament għoli tat-telf tal-pellets, u l-kostijiet ikunu aktar baxxi milli taħt l-Għażla 2a bis-saħħa ta' rekwiżiti inqas stretti għall-intrapriżi mikro u żgħar. Din l-għażla għandha l-ogħla kosteffettività tas-(sub)għażliet 2, 2a-c.

3.2.2. *Impatti tal-għażla ta' politika ppreferuta*

L-impatti elenkati hawn taħt jikkonċernaw l-għażla ta' politika ppreferuta kollha kemm hi u b'hekk jinkludu dispożizzjonijiet kemm mill-Għażla 1 u mis-Subgħażla 2b.

- L-impatti mistennija tal-iżvilupp ta' metodoloġija ta' kejl standardizzata obbligatorja

L-għażla ta' politika ppreferuta tintroduċi l-iżvilupp ta' metodoloġija standardizzata biex jitkejjel it-telf tal-pellets u tawtorizza l-użu tagħha, ladarba tiġi żviluppata, biex tikkomplementa r-rekwiżit ta' rapportar dwar l-istimi tal-kwantitajiet rilaxxati, introdotti fir-restrizzjoni tar-REACH. Din ir-restrizzjoni ma tipprevedix metodoloġija għall-kejl tat-telf tal-pellets.

Bl-introduzzjoni ta' metodoloġija standardizzata, **l-għażla ta' politika ppreferuta tinvolvi kostijiet ta' darba biex tiġi żviluppata u ttestjata l-metodoloġija**. Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) tipikament jieħu 3 sa 4 snin biex ilesti l-proċess. Dan il-kost jista' jew jiġġarrab mill-industrija, jew il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ permezz ta' studju dedikat. Fl-iżvilupp tal-metodoloġija, is-CEN se jqis il-ħidma mwettqa mill-industrija f'dan il-qasam.

Ġie stmat li l-kost totali għall-iżvilupp u l-ittestjar tal-metodoloġija jkun bejn EUR 1 258 000 u EUR 3 174 000. Peress li l-metodoloġija se tkun ibbażata fuq il-ħidma mwettqa mill-industrija, huwa stmat li l-medda aktar baxxa tal-istima tal-kostijiet hija aktar probabbli. Il-kostijiet tar-rapportar imġarrba mill-industrija li tuża l-metodoloġija diġà huma kkunsidrati taħt ir-restrizzjoni tar-REACH. Dan japplika wkoll għall-kostijiet imġarrba mill-ECHA biex tipproċessa l-informazzjoni miġbura.

Billi l-operaturi ekonomiċi jingħataw metodoloġija standardizzata waħda, minflok bosta li kieku jstgħu jintużaw, **l-għażla ta' politika ppreferuta għandha l-għan li tiffirka l-ispejjeż**: (1) l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx għalfejn jiżviluppaw metodoloġija kull wieħed; (2) ir-rapportar lill-ECHA huwa ssimplifikat; u (3) il-kwalità tar-rapportar hija oġġla, peress li metodoloġija waħda tippermetti l-komparabbiltà tad-*data* u, fl-aħħar mill-aħħar, fehim aħjar tal-volumi tat-telf tal-pellets.

L-iffirka tal-kostijiet huwa stmat li jkun oġġla mill-kostijiet tal-iżvilupp. Dan l-approċċ huwa allinjat bis-sħiħ mal-impenn artikolat fil-Komunikazzjoni bit-titolu "Regolamentazzjoni aħjar: ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar".¹⁵ Filwaqt li ma hemm l-ebda tnaqqis dirett fit-telf tal-pellets skont l-Għażla 1, metodoloġija standardizzata biex jitkejjel it-telf se tippermetti lill-operaturi ekonomiċi u lill-awtoritajiet pubbliċi jindirizzaw aħjar it-telf tal-pellets billi jtejbu l-informazzjoni, ir-rapportar u l-monitoraġġ tat-telf tal-pellets.

- L-impatti mistennija tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti obbligatorji għall-prevenzjoni tat-telf tal-pellets u tas-sistema ta' konformità relatata

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar*,

L-għażla ta' politika ppreferuta tintroduċi **rekwiżiti obbligatori biex jiġi evitat it-telf tal-pellets fl-ambjent għall-katina tal-provvista kollha tal-pellets, u b'hekk jiġu massimizzati l-possibiltajiet li jitnaqqas tali telf.**

F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, is-settur iġarrab il-kostijiet tal-miżuri meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti u juri l-konformità permezz ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi jew awtodikjarazzjoni. L-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri huma responsabbli biex iżommu regjistru pubbliku relatat mal-konformità, u fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, biex jimponu miżuri korrettivi u, meta rilevanti, penali.

Bl-impożizzjoni ta' rekwiżiti obbligatori bbażati fuq il-ħidma mwettqa mill-industrija dwar il-prevenzjoni tat-telf, il-konteniment u t-tindif tal-pellets, u bl-introduzzjoni tal-obbligu li tintwera l-konformità hemm **kostijiet diretti ta' konformità għas-settur. Rekwiżiti inqas stretti għall-intrapriżi ż-żgħar (mikro u żgħar) huma mistennija li jtaffu l-impatti fuq dawn l-intrapriżi.** B'mod kumplessiv, il-kost nett tal-implimentazzjoni tas-Subgħażla 2b huwa mistenni li jkun ta' EUR 376 - 491 miljun fis-sena.

Fir-rigward tal-kostijiet **amministrattivi u tal-infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti**, dawn jinkludu l-istabbiliment u ż-żamma ta' regjistru pubbliku, il-verifika tal-konformità, il-mekkaniżmi għall-ġestjoni tal-ilmenti u l-aċċess għall-ġustizzja kif ukoll ir-rapportar lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kull 3 snin. B'mod kumplessiv, il-kostijiet għall-Istati Membri mistennija li jkunu EUR 313 000 għall-ewwel sena u mbagħad EUR 125 000 fis-sena għall-UE kollha. Dawn il-kostijiet se jvarjaw madwar l-Istati Membri minħabba li jkunu oġġa għal oħrajn akbar u aktar baxxi għal oħrajn iżgħar.

Peress li din l-għażla tista' żżid il-kost tal-materja prima tal-plastik, **il-pubbliku ġenerali jista' jiġi affettwat minn żieda fil-kost tal-oġġetti tal-plastik.** Madankollu, iż-żieda fil-kostijiet, jekk ikun hemm, x'aktarx li tkun limitata peress li l-kost tal-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki ta' mmaniġġar huwa żgħir meta mqabbel mal-fatturat tas-settur. Għalhekk huwa mistenni li l-manifatturi jassorbu tali żieda żgħira fil-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom u b'hekk il-konsumaturi ma jiġux affettwati.

Hemm **tnaqqis sinifikanti fit-telf tal-pellets fl-ambjent, u b'hekk jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik u jiġu ppreżervati l-ekosistemi u l-bijodiversità.** Dan jikkostitwixxi wkoll **miżura ta' prekawzjoni kontra l-impatti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem.** It-tnaqqis tat-telf tal-pellets huwa mistenni li jvarja minn 25 142 tunnellata fis-sena għal 140 621 tunnellata fis-sena. Għalhekk, l-għażla ta' politika ppreferuta hija mistennija li tikkontribwixxi għal madwar 1/4 mill-mira ta' tnaqqis ta' 30 % tal-Kummissjoni għall-mikroplastiks.

Benefiċċji oħrajn jinkludu **kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi ekonomiċi** billi jggarantixxu li l-pożizzjoni tal-kumpaniji li japplikaw miżuri ta' tnaqqis ma tiddgħajjifx mill-kompetizzjoni minn kumpaniji li ma japplikawx tali miżuri bħal fis-sistema volontarja kurrenti. Għan-negozji li għandhom il-pellets, il-**benefiċċji jinkludu gwadann ekonomiku** stmat ta' EUR 25 sa 141 miljun assoċjat mal-ammont ta' pellets li ma jintilfux fl-ambjent.

It-tnaqqis fit-telf tal-pellets huwa mistenni li jkollu **impatti ekonomiċi sinifikattivi pożittivi fuq ċerti setturi**, bħas-sajd kummerċjali, l-agrikoltura, it-turiżmu u r-rikreazzjoni f'żoni affettwati mir-rilaxxi. Ikun hemm inqas pellets li jintilfu fl-ambjent tal-baħar u, għalhekk, inqas perturbazzjonijiet għall-ispeċijiet tal-baħar, inklużi dawk ekonomikament importanti bħall-gajdri u l-ispnott. Bl-istess mod, se jkun hemm inqas pellets mitlufa fl-ilma mormi tal-installazzjonijiet u fil-ħama tad-dranaġġ li jirriżultaw mit-trattament tal-ilma mormi, u b'hekk se jintilfu inqas pellets fil-ħamrija wara l-applikazzjoni tal-ħama fuq l-art agrikola, fejn dan iseħħ.

L-għażla ta' politika ppreferuta tgħin biex jinħolqu impjegi ġodda peress li l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki ta' mmaniġġar hija mistennija li tirrikjedi **persunal addizzjonali** (3 858 ekwivalenti ta' ingaġġ full-time). Dan jgħin ukoll biex **jigħu evitati ċerti kostijiet għas-soċjetà** bħal dawk relatati ma' attivitajiet ta' tindif u ta' rimedju mill-komunitajiet lokali f'żoni affettwati mir-rilaxxi. Dawn l-operazzjonijiet normalment huma ta' sfida peress li jirrikjedu riżorsi teknoloġiċi, umani u finanzjarji.

L-għażla ta' politika ppreferuta hija f'konformità mal-objettivi tan-newtralità klimatika deskritti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif ukoll il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2050. L-aktar kontribut sinifikanti tagħha għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jinsab fil-kapaċità tagħha li tipprevjeni t-tixrid ta' pellets tal-plastik fl-ambjent. Il-prevenzjoni tat-tniġġis tal-pellets tal-plastik fis-sors hija mistennija li tirriżulta f'emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet serra peress li se tkun meħtieġa inqas produzzjoni tal-plastik. Barra minn hekk, jista' jkun hemm effetti indiretti pożittivi fuq it-tkabbir tal-plankton, li, min-naħa tiegħu, jikkontribwixxi għas-sekwestru tal-karbonju.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Bl-introduzzjoni ta' metodoloġija waħda ta' kejl u sett wieħed ta' rekwiżiti biex jiġi evitat it-telf tal-pellets, l-għażla ta' politika ppreferuta tgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni legali, u b'hekk tiżdied iċ-ċertezza legali u jissaħħaħ il-funzjonament tas-suq intern. Dan, min-naħa tiegħu, huwa mistenni li jirriżulta f'xi ffrankar tal-ispejjeż għan-negozji u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi.

L-għażla ta' politika ppreferuta fiha **deroga għall-kumpaniji li jagħmlu u jimmaniġġaw il-pellets fi kwantitajiet ta' inqas minn 5 tunnelli** biex jigħu evitati investimenti li jiswew il-flus b'benefiċċji ambjentali limitati ħafna f'termini ta' tnaqqis fit-telf tal-pellets. Barra minn hekk, b'reazzjoni għall-konsultazzjoni tal-2023 li għandha fil-mira tagħha l-SMEs li jimmaniġġaw il-pellets, huma mistennija **rekwiżiti inqas stretti għall-intrapriżi ż-żgħar (mikro u żgħar) biex itaffu l-kostijiet diretti ta' konformità fuq dawn l-intrapriżi** (eż. l-intrapriżi jistgħu jqisu n-natura u d-daqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha, l-ebda obbligu li jinvestu f'taġħmir li jiswaw aktar flus bħal sistemi tat-trattament tad-dranaġġ). Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ tekniku u finanzjarju lill-intrapriżi ż-żgħar (mikro u żgħar), bħal **gwidu u materjali u għodod ta' taħriġ** speċifiċi għall-SMEs.

L-għażla ta' politika ppreferuta fiha regoli dwar is-sottomissjoni tal-informazzjoni, inkluż miċ-ċertifikazzjoni, magħmula kemm fl-ambjenti fiżiċi kif ukoll f'dawk diġitali, u għalhekk titqies bħala diġitalment lesta.

L-għażla ta' politika ppreferuta x'aktarx li jkollha biss impatt negattiv żgħir fuq il-kompetittività tas-settur tal-plastik tal-UE, peress li l-kostijiet stmati jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna mill-fatturat tagħhom (madwar 0,13 %).

Il-kostijiet amministrattivi tal-għażla ta' politika ppreferuta (l-istabbiliment ta' sistemi fin-negozji għall-proċeduri amministrattivi biex jiġi rrapportat it-telf tal-pellets, il-valutazzjonijiet interni u ċ-ċertifikazzjoni, in-notifika lill-awtoritajiet pubbliċi taċ-ċertifikazzjoni) għan-negozji huma vvalutati għal EUR 44 miljun. Il-kostijiet ta' aġġustament relatati (l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-istandard tal-kejl, l-adattament tal-operazzjonijiet u tal-proċeduri għar-rekwiżiti l-ġodda, l-implimentazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tat-telf tal-pellets) għan-negozji huma vvalutati għal EUR 332 – 447 miljun. Jista' jkun hemm kostijiet ta' aġġustament żgħar oħrajn peress li ż-żieda fil-prezz tal-pellets tista' tingħadda lill-utenti downstream u, fl-aħħar mill-aħħar, liċ-ċittadini minħabba żieda fil-prezz tal-prodotti tal-plastik.

Il-proposta tirrifletti l-għażla ta' politika ppreferuta kif deskritta hawn fuq, kemm fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji kif ukoll tas-sistema ta' konformità relatata. Biex ittaffi ulterjorament il-kostijiet diretti ta' konformità fuq l-SMEs, il-proposta fiha rekwiżiti eħfef addizzjonali meta mqabbla mal-għażla ta' politika ppreferuta. Dawn ir-rekwiżiti eħfef addizzjonali huma deskritti aktar, fit-Taqsima 6.2. B'mod partikolari, l-intrapriżi mikro u żgħar kif ukoll l-installazzjonijiet li jimmaniġġaw pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata fis-sena, se jkollhom jipprovdu awtodikjarazzjoni biex juru l-konformità minflok ma jiġu ċertifikati. Dawn il-miżuri addizzjonali se jwasslu għal tnaqqis ulterjuri fil-kostijiet amministrattivi li jirriżultaw mill-għażla ta' politika ppreferuta ta' EUR 24,6 miljun (minn EUR 44 miljun għal EUR 19,4-il miljun) u tnaqqis ulterjuri fil-kost tal-konformità ta' EUR 16,9-il miljun (minn EUR 332 – 447 miljun għal EUR 315 – 430 miljun). Is-somma tat-tnaqqis addizzjonali tal-kostijiet ta' EUR 41,5 miljun tkun madwar 10 % tal-kost nett totali kif ikkalkolat għall-għażla ta' politika ppreferuta (minn EUR 376 – 491 miljun għal 334 – 450 miljun). Għall-intrapriżi mikro u żgħar, it-tnaqqis addizzjonali huwa ekwivalenti għal kważi 15 % tal-kost nett.

Huwa diffiċli li tiġi stmata l-konsegwenza ta' dawn ir-rekwiżiti inqas stretti addizzjonali fuq it-tnaqqis tat-telf tal-pellets. Huwa probabbli li r-rekwiżiti inqas stretti addizzjonali jwasslu għal żieda fit-telf tal-pellets. Jekk jiġi preżunt li t-telf tal-pellets jiżdied b'10 %, allura dawn ir-rekwiżiti inqas stretti addizzjonali jbaxxu t-tnaqqis fit-telf tal-pellets b'madwar 2 500 sa 14 000-il t/sena meta mqabbla mal-għażla ta' politika ppreferuta.

- **Drittijiet fundamentali**

L-għażla ta' politika ppreferuta hija f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 37, li skontu l-UE jeħtiġilha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u ambjent ta' kwalità.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma tirrikjedix li jiġu implimentati allokazżjonijiet baġitarji ġodda jew sinifikanti. Inizjattivi konsultattivi li jappartjenu għaċ-Ċentru konsultattiv ta' InvestEU jistgħu jiġu attivati biex jappoġġaw lill-SMEs biex jikkonformaw mar-rekwiżiti, anke f'kollaborazzjoni man-Network Enterprise Europe. Il-Kummissjoni se tqis kwalunkwe ħtieġa ta' servizzi u studji ta' appoġġ.

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Kull 3 snin, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu lill-Kummissjoni *data* dwar in-notifiki minn ċertifikaturi dwar iċ-ċertifikati maħruġa. Barra minn hekk, sabiex tiġi segwita aħjar il-prestazzjoni meta mqabbla mal-mira kumplessiva ta' tnaqqis tal-Kummissjoni ta' 30 % sal-2030, hija meħtieġa stima vvalidata b'mod komuni tat-telf totali tal-pellets. Ġiet ikkompilata stima inizjali għall-IA ta' akkumpanjament, madankollu hija meħtieġa aktar ħidma biex din tiġi estiża fis-snin li ġejjin. Dan se jittejjeb permezz tal-metodoloġija standardizzata tal-kejl u r-rekwiżit ta' rapportar tar-REACH. Il-partijiet ikkonċernati fil-biċċa l-kbira jaqblu ma' sistema li timmonitorja u tirrapporta dwar ir-rilaxxi.

6 SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

6.1. Skop u kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

L-Artikolu 1 jispeċifika s-suġġett tal-proposta, jiġifieri, l-obbligi għall-immaniġġar ta' pellets tal-plastik fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista biex jiġi evitat it-telf. L-Artikolu 1 jistabbilixxi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni, jiġifieri l-operaturi ekonomiċi kollha involuti fl-immaniġġar ta' pellets tal-plastik fl-Unjoni fi kwantitajiet ta' aktar minn 5 tunnelli fis-sena, u t-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE li jittrasportaw pellets tal-plastik fl-Unjoni.

6.2 Obbligi u rekwiżiti ġenerali

Irrispettivament mir-rekwiżiti tal-immaniġġar deskritti f'dan ir-Regolament, li jridu jiġu implimentati fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu, l-Artikolu 3 jistabbilixxi obbligi ġenerali għall-operaturi ekonomiċi, għat-trasportaturi tal-UE, u għat-trasportaturi mhux tal-UE biex jiġi evitat it-telf. Dan l-obbligu japplika mill-mument li r-Regolament jidhul fis-seħħ. Barra minn hekk, sabiex l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu b'mod effiċjenti kontrolli ta' konformità, l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE jeħtiġilhom jinfurmawhom dwar l-attivitajiet tagħhom li jinvolvu l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik. L-Artikolu 4 jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Jirrikjedi wkoll li jwettqu azzjoni fl-ordni ta' prijorità li ġejja: il-prevenzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe tixrid ta' pellets mill-konteniment primarju; il-konteniment tal-pellets imxerrdin biex jiġi żgurat li ma jintilfux fl-ambjent, u, bħala għażla finali, it-tindif wara avveniment ta' tixrid jew telf.

L-Artikolu 5 jagħti dettalji dwar ir-rekwiżiti għall-konformità magħhom. Dawn huma bbażati fuq il-programm Operation Clean Sweep® (OCS) tal-industrija u r-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR)¹⁶. Ir-rekwiżiti huma dawn li ġejjin:

- (1) Li l-operaturi ekonomiċi li joperaw installazzjonijiet fejn jiġu ttrattati l-pellets tal-plastik, jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu aġġornat pjan ta' valutazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Anness I;
- (2) Li l-operaturi ekonomiċi li joperaw installazzjonijiet fejn jiġu ttrattati l-pellets tal-plastik, jibagħtu l-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' awtodikjarazzjoni ta' konformità maħruġa f'konformità mal-formola mudell stabbilita fl-Anness II;
- (3) Li t-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE, jimplimentaw ċerti azzjonijiet f'konformità mal-Anness III;
- (4) Li l-installazzjonijiet u t-trasportaturi tal-UE, iħarrġu l-persunal tagħhom;
- (5) Li l-installazzjonijiet u t-trasportaturi tal-UE, jimmonitorjaw u jżommu rekords tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti tagħhom inkluż, fejn xieraq, l-adozzjoni ta' azzjonijiet korrettivi, u tal-istimi tat-telf tal-pellets kif ukoll li jindirizzaw inċidenti u aċċidenti sinifikanti tal-pellets tal-plastik;

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għal ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku, ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1-1

- (6) Li l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi medji u kbar li jmexxu installazzjonijiet li jimmaniġġaw il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena, iwettqu valutazzjoni interna annwali flimkien ma' miżuri addizzjonali fi ħdan il-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju, f'konformità mal-Anness I.
- (7) Li l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi medji u kbar li jmexxu installazzjonijiet li jimmaniġġaw il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena, jiġu ċertifikati f'konformità mal-formola mudell stabbilita fl-Anness III.

Sabiex jittaffew ulterjorament l-impatti fuq l-SMEs, il-proposta fiha rekwiżiti inqas stretti addizzjonali għall-installazzjonijiet tagħhom għal dawk li diġà jinsabu fl-għażla ta' politika ppreferuta. Dawn ir-rekwiżiti huma dawn li ġejjin għall-intrapriżi mikro u żgħar kif ukoll għall-installazzjonijiet li jimmaniġġaw pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata fis-sena:

- L-ebda obbligu ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi iżda awtodikjarazzjoni ta' konformità, kif ukoll validità itwal tal-awtodikjarazzjoni (5 snin);
- L-ebda obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet interni;
- L-ebda obbligu li jiġu rieżaminati l-valutazzjonijiet tal-konformità fil-laqgħat ta' maniġment formali; u
- L-ebda obbligu li jiġi stabbilit programm ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ.

L-Artikolu 4 jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Jirrikjedi wkoll li jwettqu azzjoni fl-ordni ta' prijorità li ġejja: il-prevenzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe tixrid ta' pellets mill-konteniment primarju; il-konteniment tal-pellets imxerrdin biex jiġi żgurat li ma jintilfux fl-ambjent, u, bħala għażla finali, it-tindif wara avveniment ta' tixrid jew telf.

L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju li jmexxu installazzjonijiet li jimmaniġġaw il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena, se jkunu soġġetti għar-rekwiżit inqas strett li ġej:

- Ċertifikazzjoni b'perjodu tranżizzjonali itwal milli għall-intrapriżi l-kbar qabel l-ewwel ċertifikazzjoni (36 xahar minflok 24) u validità itwal ta' ċertifikat (4 snin minflok 3).

Bl-istess mod, japplikaw rekwiżiti speċifiċi għat-trasportaturi u għat-trasportaturi mhux tal-UE li jittrasportaw pellets tal-plastik fid-dawl tal-ispeċifitajiet tal-attivitajiet tagħhom relatati mal-pellets.

6.3 Sistema ta' konformità

L-Artikolu 5 jagħti dettalji dwar l-obbligi rigward iċ-ċertifikazzjonijiet li għandhom isiru, fil-livell tas-sit, biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli tal-konformità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Iċ-ċertifikazzjonijiet (li jirriżultaw f'ċertifikati ta' konformità kif deskritti fl-Artikolu 5 jiddaħħlu gradwalment matul ċertu perjodu. L-Anness II jipprevedi l-format ta' ċertifikat ta' konformità. Iċ-ċertifikaturi jeħtiġilhom ikunu kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew kwalunkwe assoċjazzjoni jew grupp ta' tali persuni, li jkunu kisbu liċenzja biex iwettqu verifika u validazzjoni f'konformità mar-Regolament EMAS, jew korpi akkreditati

uffiċjalment, mingħajr ebda kunflitt ta' interess, u bl-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa. L-Artikolu 7 jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet li għandhom jissodisfaw iċ-ċertifikaturi sabiex jiġu akkreditati mill-Istati Membri. Meta tiġi vvalutata l-konformità, iċ-ċertifikaturi jeħtiġilhom jużaw il-verifiki fuq il-post. Ladarba iċ-ċertifikaturi jkunu haġġu ċertifikat, huma meħtieġa jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'dan, li jeħtiġilha żżomm reġistru korrispondenti. Tali reġistru jrid ikun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web għal finijiet ta' trasparenza.

Skont l-Artikolu 6, l-operaturi ekonomiċi li huma rreġistrati fl-Iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali ("EMAS") se jitqiesu konformi u għalhekk eżentati mill-obbligu li jiksbu ċertifikat u li jinnotifikaw it-tiġdid tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju u l-awtodikjarazzjoni ta' konformità skont dan ir-Regolament.

Meta applikabbli, l-operaturi ekonomiċi huma meħtieġa jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-awtodikjarazzjonijiet ta' konformità tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom iżommu reġistru korrispondenti, li jrid ikun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web għal finijiet ta' trasparenza.

6.4 Dispożizzjonijiet dwar l-infurzar

L-Artikolu 8 jistabbilixxi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma responsabbli għall-verifika tal-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi u tat-trasportaturi mhux tal-UE mar-rekwiżiti u r-regoli tar-Regolament. Huma mistennija jwettqu spezzjonijiet ambjentali jew kontrolli oħrajn, filwaqt li jqisu l-informazzjoni mibgħuta miċ-ċertifikaturi u mill-operaturi ekonomiċi (awtodikjarazzjonijiet, pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju) kif ukoll li jindirizzaw l-ilmenti ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew organizzazzjonijiet skont l-Artikolu 14. L-Artikolu 8 jistabbilixxi wkoll l-obbligi ta' rapportar għall-Istati Membri, jiġifieri s-sottomissjoni kull 3 snin ta' rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 4 jagħti d-dritt lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jimplementaw miżuri ulterjuri f'każ li daww stabbiliti fil-pjanijiet u implimentati ma jitqisux bħala suffiċjenti. L-Artikolu 9 jagħtihom is-setgħa li jimponu fuq l-operaturi ekonomiċi, fuq it-trasportaturi tal-UE u fuq it-trasportaturi mhux tal-UE kwalunkwe miżura ta' segwitu xierqa f'każ ta' inċidenti u aċċidenti serji. L-Artikolu 10 jistabbilixxi li, f'każ ta' nuqqas ta' konformità li jwassal għal periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew għal effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jordnaw is-sospensjoni tal-operazzjonijiet. Is-setgħat għall-investigazzjoni u l-infurzar huma ddefiniti fl-Artikolu 11. Fir-rigward tal-ksur, l-Artikolu 15 jiddefinixxi sensiela ta' obbligi li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw meta jiddefinixxu r-reġim ta' penali.

L-Artikolu 16 dwar il-kumpens għandu l-għan li jiżgura li, meta jkun seħħ dannu għas-saħħa, b'mod sħiħ jew parzjali b'risultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament, il-pubbliku kkonċernat ikun jista' jitlob u jikseb kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-ksur u, meta rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

L-Artikolu 17 jistabbilixxi l-eżerċitar tad-delega. Ir-regoli tal-adozzjoni tal-atti delegati huma stabbiliti fl-Artikolu 18.

6.5 Assistenza lill-SMEs

L-Artikolu 12 jiżgura li jittieħdu inizjattivi biex jgħinu lill-SMEs fil-katina tal-provvista tal-pellets jimplementaw ir-Regolament. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija meħtieġa tistabbilixxi materjal ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar l-implimentazzjoni tajba tar-rekwiżiti

stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawn l-intrapriżi jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mar-Regolament. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-assistenza tal-Istati Membri tista' tieħu l-forma ta': appoġġ finanzjarju, aċċess għall-finanzjament, ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal; u assistenza organizzazzjonali u teknika.

6.6 Metodoloġija standardizzata

Filwaqt li jista' jiġi osservat, it-telf ta' pellets tal-plastik ma jitkejjilx b'mod kostanti. Ir-rekwiżit ta' rapportar tar-REACH dwar l-istimi tal-pellets mitlufa fuq bażi annwali se jikkontribwixxi għal żieda fl-informazzjoni dwar it-telf tal-pellets. Madankollu, ma jipprevedi l-ebda metodoloġija biex jitkejjel it-telf tal-pellets. L-Artikolu 13 jirrikjedi li l-Kummissjoni titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni biex jistabbilixxu standard biex jiġu stmati l-kwantitajiet ta' telf tal-pellets li jintilfu fl-ambjent.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-mikroplastiks jinsabu kullimkien, huma persistenti u transfruntiera. Huma ta' detriment għall-ambjent u potenzjalment ta' ħsara għal saħħet il-bniedem. Il-mikroplastiks jiġu trasportati faċilment mill-ajru u mill-ilmijiet tal-wiċċ tal-art u mill-kurrenti tal-oċeani, u l-mobbiltà tagħhom hija fattur aggravanti. Jinsabu fil-ħamrija (inklużi l-artijiet agrikoli), fil-lagi, fix-xmajjar, fl-estwarji, fil-bajjiet, fil-laguni, fl-ibħra, fl-oċeani u f'regijuni remoti, li darba kienu f'kundizzjoni perfetta, u l-preżenza tagħhom fil-ħamrija jista' jkollha effetti fuq il-proprietajiet tal-ħamrija u tikkawża alterazzjonijiet fil-ħamrija li jħallu impatt negattiv fuq it-tkabbir ta' xi pjanti. L-impatti tal-mikroplastiks fuq l-ambjent tal-baħar ġew iddokumentati b'mod estensiv. Ladarba jispiċċaw fl-ambjent tal-baħar, il-mikroplastiks huma kważi impossibbli li jinġabru, u huma maġhrufa li jittieklu minn firxa ta' organiżmi u annimali u jikkawżaw ħsara lill-bijodiversità u lill-ekosistemi. Il-persistenza ta' pellets tal-plastik fl-ambjent akkwatiku tista' titkejjel fuq għexieren ta' snin jew aktar, u l-inġestjoni ta' pellets tal-plastik minn organiżmi selvaġġi tal-baħar, b'mod partikolari għasafar tal-baħar u fkieren tal-baħar, tista' tikkawża ħsara fiżika jew mewt. Il-mikroplastiks jikkontribwixxu wkoll għat-tibdil fil-klima bħala sors addizzjonali kemm tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll tal-pessjoni fuq l-ekosistemi. Il-potenzjal tal-mikroplastiks li jaġixxu bħala portatur għal sustanzi tossiċi adsorbiti jew mikroorganiżmi patoġeniċi huwa parti integrali mill-problema. Il-bnedmin huma esposti għal mikroplastiks permezz tal-konsum tal-arja u tal-ikel. Is-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-preżenza tal-mikroplastiks fil-katina alimentari tista' timmina l-fiduċja tal-konsumatur u jkollha konsegwenzi ekonomiċi. Jista' jkun hemm impatti

¹⁷ ĠU C , , p .

¹⁸ ĠU C , , p .

ekonomiċi negattivi fuq attivitajiet bħas-sajd kummerċjali u l-agrikoltura, kif ukoll ir-rikreazzjoni u t-turiżmu f'żoni affettwati mir-rilaxxi.

- (2) Fl-opinjoni tagħhom bit-titlu “Riskji ambjentali u tas-saħħa tat-tniġġis mill-mikroplastik”, il-Grupp ta’ Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin tal-Kummissjoni kkunsidra li “hemm raġunijiet sinifikanti għal tħassib u għal miżuri ta’ prekawzjoni li jridu jittieħdu”¹⁹.
- (3) It-telf ta’ pellets tal-plastik jikkostitwixxi t-tielet l-akbar sors ta’ mikroplastiks rilaxxati b’mod mhux intenzjonat fl-ambjent fl-Unjoni u huwa dovut għal prattiki ħżiena ta’ mmaniġġar fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, it-trasport, inkluż bil-baħar, u operazzjonijiet loġistiċi oħrajn. Għalhekk, approċċ tal-katina tal-provvista huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat l-impenn tal-atturi ekonomiċi kollha involuti fl-immaniġġar ta’ pellets tal-plastik lejn il-prevenzjoni tat-telf. Mill-2015, l-industrija Ewropea tal-manifattura tal-plastik adottat progressivament il-programm Operation Clean Sweep® (OCS) internazzjonali bħala impenn volontarju. Skont dan il-programm, kull kumpanija li tagħmel jew timmaniġġa l-pellets tirrikonoxxi l-importanza li tniżżel għal zero t-telf tal-pellets u timpenja ruħha li tadotta l-aħjar prattiki. Filwaqt li tali prattiki ġeneralment jinftiehem tajjeb mill-firmatarji tal-OCS, dawn ma ġewx implimentati b’mod komprensiv. L-adozzjoni tal-programm mill-industrija tal-plastik għadha baxxa.
- (4) L-impatti tat-tniġġis mill-mikroplastik fuq l-ambjent, u possibbilment fuq saħħet il-bniedem, qajmu tħassib fil-biċċa l-kbira tal-partijiet tad-dinja. Xi Stati Membri adottaw jew ipproponew miżuri dedikati. Madankollu, taħlita ta’ restrizzjonijiet nazzjonali tista’ potenzjalment tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.
- (5) Fi sforz sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis mill-plastik, f’Jannar 2018, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bit-titolu “Strateġija Ewropea għall-Plastiks”²⁰ li fiha rrikonoxxiet ir-riskji li jirriżultaw mill-mikroplastiks u talbet li jittieħdu soluzzjonijiet innovattivi mmirati lejn is-sorsi differenti ta’ mikroplastiks. Dan l-impenn iġġedded bl-adozzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew f’Diċembru 2019, bil-Pjan ta’ Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari²¹ f’Marzu 2020 u bil-Pjan ta’ Azzjoni ta’ Tniġġis Zero²² f’Mejju 2021. Dan tal-aħħar jinkludi, fost il-miri tiegħu tal-2030, it-tnaqqis tal-ammont ta’ mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent bi 30 %.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055²³ jindirizza t-tniġġis mill-mikroplastik billi jimponi restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta’ mikroplastiks li jiżdiedu intenzjonalment mal-prodotti (ir-“restrizzjoni”), peress li hemm tniġġis mill-mikroplastik konsiderevoli li jinħoloq mill-użu ta’ mikroplastiki tal-polimeri sintetiċi waħedhom jew intenzjonalment preżenti fil-prodotti, u t-tniġġis jippreżenta riskju inaċċettabbli għall-ambjent.
- (7) Fl-2021, il-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) adottaw ir-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti

¹⁹ [Scientific opinion on the environmental and health risks of microplastic pollution](#), April 2019

²⁰ COM(2018) 28 final

²¹ COM(2020)98 final, 2020.

²² COM(2021) 400 final

²³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 tal-25 ta’ Settembru 2023 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta’ Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward ta’ mikroplastiki ta’ polimeri sintetiċi (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 67).

2021/06²⁴ biex jitnaqqas it-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar billi jiġu promossi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni f'waqthom ta' standards u skemi ta' ċertifikazzjoni effettivi u konsistenti tal-prevenzjoni tat-telf tal-pellets għall-katina kollha tal-provvista tal-plastik. Il-miżuri għall-minimizzazzjoni tar-riskju assoċjat mat-trasport tal-pellets tal-plastik bil-baħar qegħdin jiġu eżaminati fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

- (8) Fis-sottomissjoni tal-Unjoni lill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent fid-dawl tat-tieni sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis tal-plastik (INC-2)²⁵, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha enfasizzaw il-ħtieġa li l-istrument futur jinkludi miżuri biex jitnaqqsu r-rilaxxi mhux intenzjonati ta' mikroplastiks.
- (9) Minkejja l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart, tat-tniġġis, tal-iskart fil-baħar u tas-sustanzi kimiċi, ma hemm l-ebda regola speċifika tal-Unjoni li tipprevjeni t-telf tal-pellets bħala sors ta' tniġġis mill-mikroplastik tul il-katina kollha tal-provvista. Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ tistabbilixxi prinċipji bażiċi għall-immaniġġar tal-iskart u timponi obbligi ġenerali għall-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tal-ħolqien tal-iskart. Dawk l-obbligi ġenerali jenħteġ li jiġu kkomplementati billi jiġu indirizzati aspetti u rekwiżiti speċifiċi għall-immaniġġar bir-reqqa ta' pellets tal-plastik sabiex jiġi evitat li dawn isiru skart.
- (10) Filwaqt li l-produzzjoni ta' materjali polimeriċi fuq skala industrijali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷, attivitajiet oħrajn bħall-konverżjoni, it-trasport jew il-ħżin ta' pellets, normalment operati minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ma humiex koperti minn dik id-Direttiva. Barra minn hekk, id-Dokument ta' Referenza dwar l-Aħjar Tekniki Disponibbli fil-Produzzjoni tal-Polimeri ta' Awwissu 2007²⁸, stabbilit skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE²⁹ dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis, ma jindirizzax il-kwistjoni speċifika tat-telf tal-pellets.
- (11) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰ tindirizza l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatti tal-mikroskart, inkluż il-mikroplastiks, f'ambjenti kostali u tal-baħar. Qiegħed jiġi żviluppat aġġornament tal-ewwel gwida dwar il-monitoraġġ tal-iskart fil-baħar fid-dawl ta' metodoloġiji armonizzati inkluż il-monitoraġġ tal-preżenza u d-distribuzzjoni ta' pellets tal-plastik tul il-kosta. Madankollu, id-Direttiva 2008/56/KE ma tinkludix rekwiżiti speċifiċi dwar il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-pellets tal-plastik fis-sors.

²⁴ [OSPAR Recommendation 2021/06 on the reduction of plastic pellet loss into the marine environment](#)

²⁵ UNEP, [Is-Sottomissjoni tal-Presejżjoni tal-UE](#) qabel it-Tieni Sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar biex jiġi żviluppat strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis tal-plastik, 2023

²⁶ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

²⁷ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17). https://eippcb.jrc.ec.europa.eu/sites/default/files/2019-11/pol_bref_0807.pdf

²⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26).

³⁰ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p.19).

- (12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 jindirizza t-telf ta' mikropartikoli tal-polimeru sintetiku għall-użu f'siti industrijali, jiġifieri l-pellets tal-plastik, bħala rilaxxi li jistgħu jiġu evitati. Għal dawn ir-rilaxxi, ġie introdott rekwiżit ta' rapportar għal kwantità stmata ta' mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent fuq bażi annwali. Filwaqt li ma hemmx metodoloġija sabiex jiġi stmat it-telf, dan ir-rekwiżit se jżid l-informazzjoni dwar it-telf tal-pellets u jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni miġbura sabiex jiġu vvalutati r-riskji li jirriżultaw minn dawn il-mikroplastiks fil-futur.
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-pellets tal-plastik jiġu mmaniġġati b'mod sikur u responsabbli fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista, sabiex jiġi evitat it-telf fl-ambjent, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik tul il-katina tal-provvista kollha: il-produzzjoni, il-ġbir f'lottijiet ewlenin u t-taħlit, il-konverżjoni, il-ġestjoni tal-iskart, inkluż ir-riċiklaġġ, id-distribuzzjoni, l-ippakkjar mill-ġdid, it-trasport, il-ħżin u t-tindif tat-tankijiet fl-istazzjonijiet tat-tindif.
- (14) Tali rekwiżiti jenħtieġ li jkunu l-prattiki ta' mmaniġġar tajjeb rakkomandati fil-livell internazzjonali kif ukoll ir-rekwiżiti eżistenti dwar l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik stabbiliti mill-industrija fl-Unjoni.
- (15) L-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jenħtieġ li jimplementaw ir-rekwiżiti dwar l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik billi jsegwu ordni ta' prijorità ta' azzjoni bl-għan ewleni li jipprevjenu r-rilaxx tal-pellets fl-ambjent bħala l-prijorità ewlenija. Għalhekk, il-prevenzjoni tat-tixrid ta' pellets tal-plastik minn konteniment primarju matul l-immaniġġar ta' rutina, u b'hekk it-tnaqqis tar-riskju ta' tixrid sal-aktar livell baxx possibbli, jenħtieġ li tkun l-ewwel pass, inkluż billi jiġi evitat kwalunkwe mmaniġġar mhux meħtieġ (pereżempju billi jitnaqqsu l-punti ta' trasferiment), u billi jintuża imballaġġ li ma jittaqqabx, segwita mill-konteniment tal-pellets imxerrdin biex jiġi żgurat li ma jintilfux fl-ambjent, u eventwalment billi jitnaddfu wara avveniment ta' tixrid jew telf, bħala l-pass finali.
- (16) Filwaqt li l-għan huwa li jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent għall-operaturi ekonomiċi kollha, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE, jenħtieġ li l-obbligi għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jiġu aġġustati biex jittaffa l-piż fuqhom.
- (17) Ir-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet li jimmaniġġaw pellets tal-plastik u t-trasportaturi li jittrasportawhom hija meħtieġa għat-traċċabbiltà ta' pellets tal-plastik immaniġġati u ttrasportati f'kull Stat Membru, u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-kontrolli tal-konformità b'mod effiċjenti.
- (18) Sabiex jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jistabbilixxu, jimplementaw, u jaġġornaw f'kull ħin pjan ta' valutazzjoni tar-riskju li jidentifika l-potenzjal għat-tixrid u t-telf, u li jiddokumenta b'mod partikolari t-tagħmir u l-proċeduri speċifiċi fis-seħħ għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-telf tal-pellets, filwaqt li jitqiesu d-daqs tal-installazzjoni u l-iskala tal-operazzjonijiet.
- (19) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jipprovdu lill-awtorità kompetenti pjan ta' valutazzjoni tar-riskju li jkunu wettqu, flimkien ma' awtodikjarazzjoni ta' konformità.
- (20) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu t-tagħmir speċifiku li jridu jinstallaw jew il-proċedura li jridu jeżegwixxu. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jivverifikaw il-konformità, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jemendaw il-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju, inkluż billi jieħdu, f'perjodu

ta' żmien partikolari, kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet elenkati f'dan ir-Regolament biex jiżguraw implimentazzjoni adegwata tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

- (21) Sabiex tiġi evalwata l-adeqwatezza tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju mwettaq għal kull installazzjoni, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jżommu rekord ta' stima tal-kwantità ta' pellets rilaxxati fl-ambjent kull sena, flimkien mal-volum totali mmaniġġat. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi, l-informazzjoni dwar l-istimi tal-kwantitajiet rilaxxati tista' tintuża fil-qafas tar-rekwiżit ta' rapportar skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055.
- (22) Minħabba l-karatteristiċi tal-attività tagħhom, it-trasportaturi jenħtieġ li ma jingħatawx mandat biex iwettqu pjan ta' valutazzjoni tar-riskju. Minflok, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jwettqu miżuri tanġibbli mmirati lejn il-prevenzjoni, il-konteniment u l-indirizzar tat-tixrid u tat-telf. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jkunu soġġetti għal verifika mill-awtoritajiet kompetenti, primarjament matul il-proċess tat-trasport.
- (23) L-implimentazzjoni b'suċċess tal-azzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik tirrikjedi l-kooperazzjoni u l-impenn sħaħ tal-impjegati tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u ta' dawk mhux tal-UE. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE jenħtieġ li jkunu meħtieġa jħarrġu lill-persunal tagħhom skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-impjegati tagħhom sabiex jiżguraw li jkunu konxji tat-tagħmir u jkunu jistgħu jużaw it-tagħmir u jeżegwixxu l-proċeduri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan Regolament. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE jkunu meħtieġa wkoll jimmonitorjaw u jżommu rekords tal-azzjonijiet rilevanti sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, pereżempju, it-tqegħid ta' apparat ġdid ta' qbid. Fejn xieraq, jenħtieġ li jadottaw azzjonijiet korrettivi inkluż, fejn meħtieġ, it-titjib tat-tagħmir u tal-proċeduri fis-seħħ.
- (24) L-intrapriżi ta' daqs medju u kbir li joperaw installazzjonijiet li fihom il-pellets tal-plastik jiġu mmaniġġati fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata jistgħu jġibu riskji oġhla ta' telf tal-pellets fl-ambjent. Għal din ir-raġuni, dawn l-intrapriżi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jimplementaw, għal kull installazzjoni, azzjonijiet addizzjonali bħat-twettiq ta' valutazzjoni interna annwali, u l-adozzjoni ta' programm ta' taħriġ li jindirizza l-ħtiġijiet u l-modalitajiet speċifiċi ta' taħriġ. Barra minn hekk, għal dawn l-intrapriżi, il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tintwera billi jinkiseb, u jiġġedded, ċertifikat maħruġ minn ċertifikatur. Dawn iċ-ċertifikaturi jistgħu jkunu jew korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat, jew verifikatur ambjentali liċenzjat biex iwettaq verifika u validazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS). Iċ-ċertifikat jenħtieġ li jikkorrispondi għal format uniku sabiex tiġi żgurata informazzjoni omoġenja.
- (25) L-intrapriżi mikro u żgħar, u l-intrapriżi ta' daqs medju u kbir li joperaw installazzjonijiet li fihom il-pellets tal-plastik ikunu ġew immaniġġati fi kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awtodikjarazzjoni ta'

³¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

- konformità. Jenħtieġ li jingħataw ukoll biżżejjed żmien sabiex juru l-konformità tagħhom.
- (26) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw b'mod aktar effiċjenti l-konformità skont dan ir-Regolament, iċ-ċertifikaturi jenħtieġ li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-eżitu tal-valutazzjonijiet tagħhom. Iċ-ċertifikati jenħtieġ li ma jippreġudikawx il-valutazzjoni dwar il-konformità mill-awtoritajiet kompetenti.
- (27) Sabiex jiġu rreġistrati fl-EMAS, l-operaturi ekonomiċi huma meħtieġa jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali, inkluż dan ir-Regolament. Konsegwentement, l-operaturi ekonomiċi li huma rreġistrati fl-EMAS jenħtieġ li jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, dment li verifikatur ambjentali jkun ivverifika li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew inklużi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħhom u jkunu ġew implimentati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn l-operaturi ekonomiċi jiġu eżentati mill-obbligi ta' ċertifikazzjoni u notifika lill-awtoritajiet kompetenti meta jġeddu l-awtodikjarazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tar-riskju.
- (28) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw il-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u tat-trasportaturi mhux tal-UE mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament bl-użu, jekk ikun xieraq, tas-sejbiet ipprovduti bħala parti miċ-ċertifikazzjoni jew bħala awtodikjarazzjonijiet, abbażi ta' spezzjonijiet ambjentali jew ta' miżuri oħrajn ta' verifika, fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Fejn possibbli, jenħtieġ li l-ispezzjonijiet jiġu kkoordinati ma' daww meħtieġa skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (29) Sabiex jiġu mminimizzati l-effetti ta' kwalunkwe telf, l-operatur ekonomiku, it-trasportatur tal-UE u t-trasportatur mhux tal-UE jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi rrestawrata l-konformità. Jenħtieġ li l-azzjoni korrettiva meħtieġa tkun proporzjonata għall-ksur identifikat u għall-effetti ta' ħsara mistennija tiegħu fuq l-ambjent. Meta l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinnotifikaw lill-operatur ekonomiku, lit-trasportatur tal-UE jew lit-trasportatur mhux tal-UE dwar il-ksur identifikat u jirrikjedu li jittieħdu miżuri korrettivi biex terġa' tinkiseb il-konformità.
- (30) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom sett minimu ta' setgħat ta' spezzjoni u infurzar sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, jikkooperaw ma' xulxin aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti, u biex jiskoraġġixxu lill-operaturi ekonomiċi, lit-trasportaturi tal-UE u lit-trasportaturi mhux tal-UE milli jiksru dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi tal-infurzar u biex jipprevjenu lill-operaturi ekonomiċi mhux konformi milli jisfruttaw in-nuqqasijiet fis-sistema tal-infurzar billi jirrilokaw lejn Stati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ma jkunux mgħammra biex jindirizzaw prattiki illegali.
- (31) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jużaw il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ bħala evidenza għall-fini tal-ispezzjoni tagħhom.
- (32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, madankollu jistgħu jiffaċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment ogħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżid is-sensibilizzazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa materjali ta' taħriġ sabiex tgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari

fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll taħriġ speċjalizzat lill-SMEs. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

- (33) Sabiex jiġu ffaċilitati raġunijiet komuni għall-istima tat-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent, huwa meħtieġ li jkun hemm metodoloġija standardizzata stabbilita fi standard armonizzat li jiġi adottat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³².
- (34) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jipprevedi proċedura għal oġġezzjonijiet għal standards armonizzati meta daww il-standards ma jissodisfawx kompletament ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (35) Sabiex jiġi żgurat li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament jintlaħqu, u li r-rekwiżiti jiġu infurzati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tagħhom stess responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. F'każijiet meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda maħtura fit-territorju tagħhom, u biex jiġi żgurat l-eżerċitar effettiv tad-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura kollha.
- (36) Sabiex tiġi żgurata l-konformità, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jieħdu wkoll il-passi meħtieġa, inklużi l-ispezzjonijiet u s-seduti meta jkollhom informazzjoni rilevanti u li jkunu bbażati fuqhom, inklużi lmenti sostanzjati sottomessi minn partijiet terzi. Jenħtieġ li l-partijiet terzi li jippreżentaw tħassib ikunu jistgħu juru interess suffiċjenti jew iżommu l-indeboliment ta' dritt.
- (37) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom skont dan ir-Regolament tkun soġġetta għal rimedji ġudizzjarji effettivi f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea³³. F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet ta' persuna skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku, inkluż il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi f'konformità ma' dan ir-Regolament, ikollu aċċess għall-ġustizzja f'konformità mal-obbligi li l-Istati Membri jkunu qablu magħhom bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi

³² Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12–33)

³³ *ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391–407; ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391–407*

Kwistjonijiet Ambjentali tal-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa (UNECE) tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-“Konvenzjoni ta' Aarhus”)³⁴.

- (38) Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jiġu skoraġġuti b'mod effettiv minn nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni aktar konsistenti tal-penali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji komuni għad-determinazzjoni tat-tipi u l-livelli ta' penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, in-natura u l-gravità tal-ksur kif ukoll il-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur sabiex jiġi żgurat li dawk responsabbli jiġu mċaħħda minn dawk il-benefiċċji.
- (39) Meta jistabbilixxu penali u miżuri għall-ksur, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu li, abbażi tal-gravità tal-ksur, il-livell ta' multi jenħtieġ li effettivament iċaħħdu lill-operatur ekonomiku mhux konformi, lit-trasportaturi tal-UE u lit-trasportaturi mhux tal-UE mill-benefiċċju ekonomiku derivat min-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż f'każijiet ta' ksur ripetut. Jenħtieġ li l-gravità tal-ksur tkun il-kriterju ewlieni għall-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-infurzar. L-ammont massimu ta' multi jenħtieġ li, f'każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, jirrappreżenta tal-inqas 4 % tal-fatturat annwali ekonomiku fl-Istat Membru kkonċernat.
- (40) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati jkunu jistgħu jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur. Tali regoli dwar il-kumpens jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-preżervazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huma jirfdu wkoll id-dritt għall-ħajja, l-integrità tal-persuna u l-kura tas-saħħa stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-dritt għal rimedju effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ ma tagħtix lill-partijiet privati dritt ta' kumpens bħala konsegwenza ta' dannu ambjentali jew ta' theddida imminenti ta' tali dannu.
- (41) Sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom kontra d-danni għas-saħħa kkawżati minn ksur ta' dan ir-Regolament u b'hekk jiżguraw l-infurzar aktar effiċjenti tiegħu, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, bl-inklużjoni ta' dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumaturi u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali, bħala membri tal-pubbliku kkonċernati, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem kwalunkwe vittma jew b'appoġġ għaliha, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati. L-Istati

³⁴ <https://unece.org/environment-policy/public-participation/aarhus-convention/text>

³⁵ Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

Membri normalment igawdu minn awtonomija proċedurali biex jiżguraw rimedju effettiv kontra l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, soġġett għar-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. Madankollu, l-esperjenza turi li filwaqt li hemm evidenza epidemjoloġika qawwija fuq l-impatti negattivi tat-tniġġis għas-saħħa tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-arja, huwa diffiċli li fl-ambitu tar-regoli proċedurali dwar l-oneru tal-prova ġeneralment applikabbli fl-Istati Membri, il-vittmi juru rabta ta' kawżalità bejn id-dannu mġarrab u l-ksur. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-oneru tal-prova applikabbli jiġi adattat għal tali sitwazzjonijiet. Meta individwu jkun jista' jipprova evidenza robusta biżżejjed biex iwassal għal preżunzjoni li l-ksur ta' dan ir-Regolament ikun l-orijini tad-dannu kkawżat lis-saħħa ta' individwu, jew ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għalih, jenħtieġ li jkun il-konvenut li jirribatti dik il-preżunzjoni sabiex jaħrab mir-responsabbiltà tiegħu.

- (42) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex temenda l-Annessi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawh il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁶. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (43) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rapportar ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (44) Sabiex l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE, u t-trasportaturi mhux tal-UE jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi differita.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi għall-immaniġġar ta' pellets tal-plastik fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista biex jiġi evitat it-telf.
2. Dan ir-Regolament japplika għas-suġġetti li ġejjin:

³⁶ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (a) l-operaturi ekonomiċi li jimmaniġġaw pellets tal-plastik fl-Unjoni fi kwantitajiet ta' aktar minn 5 tunnelli fis-sena kalendarja preċedenti;
- (b) it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE li jittrasportaw pellets tal-plastik fl-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “pellet tal-plastik” tfisser massa żgħira ta' materjal tal-iffurmar iffurmat minn qabel li fih il-polimeru, li għandu dimensjonijiet relattivament uniformi f'lott partikolari, li jintuża bħala materja prima fl-operazzjonijiet tal-manifattura tal-prodotti tal-plastik;
- (b) “tixrid” tfisser ħruġ ta' darba ta' pellets tal-plastik minn konteniment primarju;
- (c) “telf” tfisser ħruġ ta' darba jew fit-tul ta' pellets tal-plastik mill-konfini tal-installazzjoni fl-ambjent jew minn vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jittrasportaw pellets tal-plastik;
- (d) “installazzjoni” tfisser kwalunkwe bini, struttura, ambjent jew post li fih titwettaq attività ekonomika waħda jew aktar li tinvolvi l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik;
- (e) “operatur ekonomiku” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla l-installazzjoni kompletament jew parzjalment, meta jkun hemm dispożizzjoni dwar dan fid-dritt nazzjonali, li lilha tiġi delegata s-setgħa ekonomika deċiżiva għall-funzjonament tekniku tal-installazzjoni;
- (f) “trasportatur tal-UE” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru, involuta fit-trasport ta' pellets tal-plastik bħala parti mill-attività ekonomika tagħha billi tuża vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;
- (g) “trasportatur mhux tal-UE” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'pajjiż terz, involuta fit-trasport ta' pellets tal-plastik bħala parti mill-attività ekonomika tagħha fl-Unjoni billi tuża vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;
- (h) “intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju” tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE³⁷;
- (i) “intrapriża ta' daqs kbir” tfisser intrapriża li ma hijiex intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju;
- (j) “awtorità kompetenti” tfisser awtorità jew korp maħtur minn Stat Membru biex iwettaq l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament;
- (k) “ċertifikatur” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) korp ta' valutazzjoni tal-konformità kif definit fl-Artikolu 2(13) tar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸ jew

³⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

kwalunkwe assoċjazzjoni jew grupp ieħor ta' tali korpi, li jkun kiseb akkreditazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament;

- (ii) verifikatur ambjentali, kif definit fl-Artikolu 2(20), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009;
- (l) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk installazzjoni tissodisfax ir-regoli applikabbli ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati adottati abbażi tiegħu;

Artikolu 3

Obbligi ġenerali

1. L-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jiżguraw li jiġi evitat it-telf. Meta jseħħ telf, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jieħdu azzjoni immedjata sabiex inadddu dak it-telf.
2. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti, bil-mod iddeterminat minn din tal-aħħar, dwar kull installazzjoni li joperaw u dwar meta jkunu involuti fit-trasport ta' pellets tal-plastik, kif applikabbli.
3. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti bi kwalunkwe bidla sinifikanti fl-installazzjonijiet u fl-attivitajiet tagħhom relatati mal-immaniġġar ta' pellets tal-plastik, inkluż bi kwalunkwe għeluq ta' installazzjoni eżistenti.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu regjistru pubbliku li jkun fih l-informazzjoni li jkunu rċevew f'konformità mal-paragrafi 3 u 4.

Artikolu 4

Obbligi rigward l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jistabbilixxu pjan ta' valutazzjoni tar-riskju għal kull installazzjoni f'konformità mal-Anness I filwaqt li tqis in-natura u d-daqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha;
 - (b) jinstallaw it-tagħmir u jeżegwixxu l-proċeduri deskritti fil-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a);
 - (c) jinnotifikaw il-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tinsab l-installazzjoni flimkien ma' awtodikjarazzjoni ta' konformità maħruġa f'konformità mal-formola mudell stabbilita fl-Anness II.

L-operaturi ekonomiċi għandhom iżommu l-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju aġġornat, filwaqt li jqisu b'mod partikolari n-nuqqasijiet identifikati permezz tal-esperjenza tagħhom fl-

³⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

immaniġġar ta' pellets tal-plastik, u għandhom jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

2. L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju u kbir li joperaw installazzjonijiet fejn għew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti jew li huma intrapriżi mikro jew ta' daqs żgħir għandhom jinnotifikaw aġġornament tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju għal kull installazzjoni kif ukoll tiġdid tal-awtodikjarazzjoni ta' konformità lill-awtorità kompetenti kull 5 snin mill-aħħar notifika.
3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) li jibdlu l-pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju nnotifikati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 sabiex jiġi żgurat li t-telf ikun jista' jiġi evitat b'mod effettiv jew, meta xieraq, jinżamm u jitnaddaf u li l-Anness I jiġi osservat;
 - (b) li jimplimentaw kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet elenkati fl-Anness I fil-ħin.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabilixxu, iżommu, u jaġġornaw reġistru li jkun fih il-pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju u l-awtodikjarazzjonijiet ta' konformità nnotifikati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament fuq sit web.
5. It-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness III jiġu implimentati matul l-operazzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt, il-vjaġġi tat-trasport, l-operazzjonijiet tat-tindif u tal-manutenzjoni.
6. Meta l-operaturi ekonomiċi jimplimentaw l-azzjonijiet stabbiliti fil-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju stabbilit f'konformità mal-Anness I, u t-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jimplimentaw l-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, dawn għandhom jieħdu azzjoni, fl-ordni ta' prijarità li ġejja:
 - (a) azzjonijiet għall-prevenzjoni tat-tixrid
 - (b) azzjonijiet sabiex jiġi kkontrollat it-tixrid sabiex jiġi evitat li jsir telf;
 - (c) azzjonijiet għat-tindif wara tixrid jew telf.
7. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandu jkollhom l-obbligi li ġejjin:
 - (a) jiżguraw li l-persunal tagħhom ikun imħarreġ skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom u li jkun konxju u jista' juża t-tagħmir rilevanti u jeżegwixxi l-proċeduri stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament;
 - (b) iżommu rekords tal-azzjonijiet meħuda għall-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu;
 - (c) iżommu rekords tal-kwantitajiet stmati kull sena ta' telf u tal-volum totali ta' pellets tal-plastik immaniġġati.

Minn 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tal-istandard armonizzat rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew mid-data tal-applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 13(2) ta' dan ir-Regolament, l-operaturi ekonomiċi għandhom jistmaw il-kwantitajiet ta' telf imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c) f'konformità mal-metodoloġija standardizzata msemmija fl-Artikolu 13.

L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandhom iżommu r-rekords imsemmija fil-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu għal perjodu ta' 5 snin u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u, fejn applikabbli, għaċ-ċertifikati fuq talba.

8. Meta azzjoni meħuda għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-tixrid u tat-telf ma tirnexxix, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jieħdu azzjonijiet korrettivi, mill-aktar fis possibbli.
9. Kull sena, l-operaturi ekonomiċi li ma humiex intrapriżi mikro jew żgħar u li joperaw installazzjonijiet fejn ikunu ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti għandhom, għal kull installazzjoni, iwettqu valutazzjoni interna dwar l-istat tal-konformità tal-installazzjoni mar-rekwiżiti tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju stabbilit fl-Anness I. Il-valutazzjoni interna tista', fost l-oħrajn, tkopri s-suġġetti li ġejjin:
 - (a) il-kwantitajiet u l-kawżi stmati tat-telf;
 - (b) it-tagħmir u/jew il-proċeduri preventivi, ta' konteniment u ta' tindif implimentati biex jiġi evitat telf futur, u l-effettività tagħhom;
 - (c) id-diskussjonijiet mal-persunal, l-ispezzjonijiet tat-tagħmir u l-proċeduri fis-seħħ u r-reviżjoni ta' kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

Artikolu 5

Ċertifikazzjoni

1. Sa ... [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbokom daħħlu d-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], u kull 3 snin wara dan, l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs kbir għandhom juru li kull installazzjoni fejn ikunu ġew ittrattati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, billi jinkiseb ċertifikat maħruġ minn ċertifikatur.
2. Sa ... [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbokom daħħlu d-data = 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], u kull 4 snin wara dan, l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju għandhom juru li kull installazzjoni fejn ikunu ġew ittrattati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, billi jinkiseb ċertifikat maħruġ minn ċertifikatur.
3. Iċ-ċertifikaturi għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post biex jiżguraw li l-miżuri kollha inklużi fil-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Anness I jiġu implimentati kif xieraq.
4. Iċ-ċertifikati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) jinħarġu f'konformità mal-formola mudell stabbilita fl-Anness IV u f'forma elettronika;
 - (b) jispeċifikaw l-operatur ekonomiku, l-installazzjoni koperta miċ-ċertifikat, id-data tal-kontrolli fuq il-post imwettqa, u l-perjodu ta' validità;
 - (c) jiċċertifikaw il-konformità tal-installazzjoni koperta miċ-ċertifikat mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I;

5. Mingħajr dewmien żejjed, iċ-ċertifikati għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'dan li ġej:
- (a) iċ-ċertifikati maħruġa;
 - (b) iċ-ċertifikati sospiżi jew irtirati;
 - (c) bidliet fiċ-ċertifikati.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornat reġistru taċ-ċertifikati. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament fuq sit web.

Artikolu 6

Sistemi ta' ġestjoni ambjentali

L-operaturi ekonomiċi li huma rreġistrati fl-Iskema Komunitarja ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 huma eżentati mill-konformità mal-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 4(2) u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) ta' dan ir-Regolament dment li l-verifikatur ambjentali kif definit fl-Artikolu 2(20) tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 ikun ivverifika li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ġew inklużi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tal-operatur ekonomiku u ġew implimentati.

Artikolu 7

Akkreditazzjoni taċ-ċertifikati

L-akkreditazzjoni taċ-ċertifikaturi msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (k)(i) għandha tinkludi evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) iċ-ċertifikatur għandu jkun indipendenti mill-operatur ekonomiku;
- (b) iċ-ċertifikatur, il-maniġment superjuri tiegħu u l-persunal responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni;
- (c) iċ-ċertifikatur u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa, u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċentiv, inkluż dawk finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom;
- (d) iċ-ċertifikatur għandu jkollu l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq il-valutazzjoni tal-konformità li jkun ġie akkreditat għaliha;
- (e) iċ-ċertifikatur għandu jkollu għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kwalifikati u b'esperjenza xierqa responsabbli biex iwettqu l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità;
- (f) il-persunal ta' ċertifikatur għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-tweqqiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità;

- (g) meta ċertifikatur jissottokuntratta kompiti speċifiċi konnessi maċ-ċertifikazzjoni jew jirrikorri għal sussidjarja, għandu jieħu responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa minn sottokuntratturi jew sussidjarji, u għandu jivvaluta u jimmonitorja l-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u l-ħidma mwettqa minnhom.

Artikolu 8

Verifika tal-konformità u rapportar

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u tat-trasportaturi mhux tal-UE mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu l-informazzjoni pprovduta fl-awtodikjarazzjonijiet ta' konformità msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) u pprovduta miċ-ċertifikaturi f'konformità mal-Artikolu 5(5). L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet ambjentali u miżuri oħrajn ta' verifika, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
2. Mhux aktar tard minn ... [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet jekk jogħġbokom daħħlu d-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull 3 snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni li jkun fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. L-informazzjoni għandha tinkludi:
 - (a) l-għadd ta' operaturi ekonomiċi għal kull daqs ta' intrapriża skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u għal kull attività ekonomika, l-installazzjonijiet tagħhom, u tat-trasportaturi tal-UE u l-mezzi tat-trasport tagħhom allokatu għat-trasport ta' pellets tal-plastik;
 - (b) l-għadd ta' pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju, awtodikjarazzjonijiet innotifikati skont l-Artikolu 4(1) u 4(2) u ċertifikati nnotifikati skont l-Artikolu 5(5);
 - (c) l-għadd u r-riżultati tal-ispezzjonijiet ambjentali u ta' miżuri oħrajn ta' verifika mwettqa skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-għadd ta' inċidenti u ta' aċċidenti rrapportati f'konformità mal-Artikolu 9(1) u l-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, format għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 9

Inċidenti u aċċidenti

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE, fil-każ ta' telf inċidentali jew aċċidentali li jaffettwa b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom minnufih:
 - (a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha seħħ l-inċident jew l-aċċident u l-kwantitajiet stmati tat-telf;

- (b) jieħdu miżuri biex jillimitaw il-konsegwenzi fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent u biex jipprevjenu inċidenti jew aċċidenti ulterjuri.
2. L-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha jkun seħħ l-inċident jew l-aċċident għandha tirrikjedi, fejn ikun meħtieġ, li l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jieħdu miżuri komplementari xierqa biex jillimitaw il-konsegwenzi fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent u biex jipprevjenu inċidenti jew aċċidenti ulterjuri.
3. Fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

Artikolu 10

Nuqqas ta' konformità

1. Fil-każ ta' ksur tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom minnufih:
- (a) jinformaw lill-awtorità kompetenti;
- (b) jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li jerġa' jkun hemm konformità fl-inqas żmien possibbli;
- (c) jikkonformaw ma' kwalunkwe miżura komplementari ddeterminata mill-awtorità kompetenti kif meħtieġ sabiex terġa' tinkiseb il-konformità.
2. Meta l-ksur tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett negattiv sinifikanti immedjat fuq l-ambjent, l-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-operat tal-installazzjoni sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c).

Artikolu 11

Deżinjazzjoni u setgħat tal-awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar bħala responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom is-setgħat ta' spezzjoni u infurzar meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.
3. Is-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jinkludu tal-inqas dan li ġej:
- (a) is-setgħa ta' aċċess għal kwalunkwe dokument, *data* jew informazzjoni rilevanti relatati ma' ksur ta' dan ir-Regolament, fi kwalunkwe forma jew format, u irrispettivament mill-mezz ta' ħżin tagħhom, jew il-post fejn jinħażnu, u s-setgħa li jieħdu jew jiksbu kopji tagħhom;
- (b) is-setgħa li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tintalab tipprovdi kwalunkwe informazzjoni, *data* jew dokument rilevanti, fi kwalunkwe forma jew format, u irrispettivament mill-mezz ta' ħżin tagħhom jew mill-post fejn

jinħażnu, għall-finijiet li jiġi stabbilit jekk ikunx seħħ jew qiegħed iseħħ ksur ta' dan ir-Regolament u d-dettalji ta' tali ksur;

- (c) is-setgħa li jibdwew spezzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess biex iwaqqfu jew jipprojbixxu l-ksur ta' dan ir-Regolament;
 - (d) is-setgħa ta' aċċess għall-installazzjonijiet.
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw kwalunkwe informazzjoni, dokument, sejba, dikjarazzjoni jew intelligence bħala evidenza għall-fini tal-ispezzjonijiet ambjentali u miżuri ta' verifika oħra tagħhom, irrISPETTIVAMENT mill-format li fih jew mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna.
 5. Meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni.

Artikolu 12

Assistenza relatata mal-konformità

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implimentazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi, speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tieħu l-forma ta':

- (a) appoġġ finanzjarju;
 - (b) aċċess għal finanzi;
 - (c) ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal;
 - (d) assistenza organizzazzjonali u teknika.
3. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu programmi ta' taħriġ għall-kwalifika tal-persunal taċ-ċertifikaturi.

Artikolu 13

Metodoloġija standardizzata

1. Għall-finijiet ta' konformità mal-obbligu msemmi fl-Artikolu 4(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandha tiġi żviluppata metodoloġija għall-istima tal-kwantitajiet ta' telf fi standards armonizzati f'konformità mal-proċeduri stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.
2. Meta l-ebda organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni ma taċċetta t-talba biex jiġi abbozzat standard armonizzat jew meta l-Kummissjoni tqis li l-istandard propost

ma jissodisfax ir-rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' att ta' Implimentazzjoni.

Artikolu 14

Ġestjoni tal-ilmenti u aċċess għall-ġustizzja

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew organizzazzjonijiet meqjusa skont id-dritt nazzjonali bħala li għandhom interess suffiċjenti jew dawk li jqisu li d-drittijiet tagħhom iddgħajfu għandhom ikunu intitolati li jissottomettu lmenti sostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li operatur ekonomiku, trasportatur tal-UE jew trasportatur mhux tal-UE qiegħed jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-entitajiet jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu s-saħħa tal-bniedem, il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-konsumatur, u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess suffiċjenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-ilment sostanzjat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi spezzjonijiet u seduti ta' smiġh tal-persuna jew tal-organizzazzjoni, bil-ħsieb li jivverifikaw dawk l-ilmenti. Jekk jinstab li l-ilment għandu bażi soda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 4(3).
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, malajr kemm jista' jkun, jinformat lill-persuna jew lill-organizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li rressqet l-ilment bid-deċiżjoni tagħhom li jaċċettaw jew jirrifjutaw it-talba għal azzjoni mressqa fl-ilment, u għandhom jipprovdu r-raġunijiet għaliha.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna jew organizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li tressaq ilment sostanzjat ikollha aċċess għal qorti jew korp pubbliku indipendenti u imparzjali ieħor biex jirrieżamina l-legalità proċedurali u sostantiva ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar dak l-ilment, kif ukoll tad-deċiżjonijiet, l-atti jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirrikjedi li l-proċeduri ta' rieżami amministrattivi jiġu eżawriti qabel ir-rikors għal proċedimenti ġudizzjarji. Dawk il-proċeduri ta' rieżami għandhom ikunu ġusti, ekwi, f'waqthom u mingħajr ħlas jew mhux għaljin b'mod projbittiv, u għandhom jipprovdu rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn meħtieġ.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ikun hemm disponibbli għall-pubbliku informazzjoni prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattivi u ġudizzjarji msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 15

Penali

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jżied gradwalment għal ksur ripetut. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun tal-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-operatur ekonomiku fl-Istat Membru kkonċernat fis-sena kontabilistika ta' qabel id-deċiżjoni dwar il-multa.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dawn li ġejjin, kif applikabbli:
 - (a) in-natura, is-serjetà u t-tul tal-ksur;
 - (b) in-natura intenzjonali jew neglġenti tal-ksur;
 - (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwati mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-oġġettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;
 - (d) is-sitwazzjoni finanzjarja tal-operatur ekonomiku, tat-trasportatur tal-UE u tat-trasportatur mhux tal-UE miżmuma responsabbli.

Artikolu 16

Kumpens

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament, l-individwi affettwati jkollhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bħala parti mill-pubbliku kkonċernat, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jipromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali jitħallew jirrappreżentaw lill-individwi affettwati u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li talba għal ksur li jwassal għal dannu ma tkunx tista' tiġi segwita darbtejn, mill-individwi affettwati u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi msemmija f'dan il-paragrafu.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux l-eżerċitar tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont il-paragrafu 1 impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

³⁹ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

4. Meta t-talba għal kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 tkun appoġġata minn evidenza li minnha tista' tiġi preżunta rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà tkun fuq il-persuna responsabbli għall-ksur sabiex turi li l-ksur ma kkawżax jew ma kkontribwiex għad-dannu.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodi ta' preskrizzjoni sabiex jitressqu azzjonijiet għal kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunux iqsar minn 5 snin. Tali perjodi ma għandhomx jibdew qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf, jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf, li ġarrbet dannu minn ksur skont il-paragrafu 1.

Artikolu 17

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 li temenda l-Annessi I sa IV, sabiex tqis il-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

Meta tadotta atti delegati msemmija fl-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha tqis:

- (a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5;
- (b) standards internazzjonali rilevanti;
- (c) l-ispeċifitàjiet tas-setturi ta' attività;
- (d) il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji.

Artikolu 18

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 17 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn ...[\[Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet jekk jogħġbokom daħħlu d-data = l-ewwel jum tax-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament\]](#). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. L-att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejr in joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq in izjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġobkom daħħlu d-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' 'dan ir-Regolament*]. Madankollu, l-Artikolu 3(1) għandu japplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġobkom daħħlu d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*